**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta Qormi**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Edward Anthony Schembri**

**Illum, 5 ta' Marzu, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet mahruga fil-konfront tal-imputat Edward Anthony Schembri detentur tal-karta tal-identità numru 176381M, fejn gie akkuzat talli fid-19 ta' Marzu 2020, fil-hinijiet ta' filghodu gewwa dawn il-gzejjer, ghamel xoghol ta' kostruzzjoni f'festa pubblika; beda xoghol ta' kostruzzjoni qabel il-hin tas-7am hekk kif indikat bil-ligi, u naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi mghoddija lilu minn WPC 329 T Azzopardi, ufficjal pubbliku, waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu, jew ma halliex, jew fixkel, jew indahal lil imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni.;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat;**

F'din il-kawza, tqajjmet kwistjoni dwar it-tielet imputazzjoni, stante li gie sostnut mid-difiza li din hija preskritta in vista tal-fatt li l-ewwel riferta mqassma lill-imputat giet mghoddija lil Ella Schembri, li dak inhar kienet ghada minuri. Il-Qorti qieset dak li gie vverbalizzat fis-seduta tas-26 ta' Frar 2021, fejn gie ddikjarat li Ella Schembri, li kienet il-persuna li effettivament giet mghoddija r-riferta fid-19 ta' Awwissu 2020, twieldet fil-5 ta' Marzu 2005. Ghalhekk dakinhar hija kellha l-età ta' hmistax-il sena. Din ir-riferta giet imqassma gewwa d-dar ta' residenza tal-imputat, u cioè, 72, Triq Il-Witja, Tarxien. In kwantu ghal dak li jirrigwarda n-notifika tal-atti gudizzjarji, f'dan il-kaz kienet applikabbli l-procedura ta' notifika stabbilita bl-avviz legali 335 tal-2014, li jirrigwarda r-Regolamenti tal-2014 dwar il-Metodu ta' Notifika tal-Atti Gudizzjarji**.** L-Artikolu 4 jistipola li:

> *"4.(1) In-notifika ta' taħrika għandha ssir bil-kunsinna tat-taħrika:*
> *(a) f'kull post f'Malta jew f'Għawdex personalment lill-persuna li lilha t-taħrika għandha tiġi notifikata; jew*
> *(b) billi titħalla fl-indirizz postal jew fl-aħħar indirizzreġistrat ta' dik il-persuna; jew*
> *(ċ) billi dik it-taħrika titħalla fil-post tan-negozju jew fil-post tax-xogħol ta' dik il-persuna:*
>
> *Iżda n-notifika skont il-paragrafu (b) għandha tkun valida biss jekk it-taħrika titħalla ma' xi membru tal-familja tagħha jew fid-dar, jew ma' persuna li tagħti, lill-persuna mħarrka, servizz f'dik id-dar:*
>
> *Iżda wkoll in-notifika skont il-paragrafu (ċ) għandha tkun valida biss jekk it-taħrika titħalla ma' persuna fis-servizz jew fl-impjieg tagħha, jew persuna awtorizzata li tirċievi l-posta f'isimha:*
>
> *Iżda wkoll l-ebda taħrika ma għandha titħalla ma' persuni taħt l-età ta' erbatax-il sena, jew ma' xi persuna li, għal raġunijiet ta' mard tal-moħħ, ma tistax tixhed rigward dik in-notifika, u dik il-persuna għandha tiġi preżunta li tkun kapaċi tagħti xiehda sakemmma jiġix ippruvat il-kuntrarju.*
>
> *(2) L-ebda oġġezzjoni ma tista' titressaq fuq il-bażi ta' irregolarità tan-notifika għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fil-provisos ta' hawn*

*qabel, jekk jirriżulta li n-notifika fil-fatt tkun waslet għand il-persuna li kellha tirċeviha jew jekk il-persuna tidher quddiem il-Qorti."*

F'dan il-kaz, jirrizulta li bint l-imputat kellha già l-età ta' hmistax-il sena, u ghalhekk ma kinitx taqa' taht wahda mill-provisos tal-Artikolu 4 tal-A vviz Legali 335 tal-2014 fuq kwotat. In oltre, il-Qorti tigbed ukoll l-attenzjoni ghal dak li jistipola l-Artikolu 4(2) tal-istess Avviz Legali 335 tal-2014.

Il-Qorti qieghda ghalhekk, tichad l-argumentazzjoni mressqa mid-difiza f'dan ir-rigward, u tqis li l-ewwel riferta kienet wahda valida, bil-konsegwenza li ma jirrizultax li tali tielet imputazzjoni tista' tigi kkunsidrata li giet preskritta. Dana meta wiehed iqies li t-termini gudizzjarji kienu gew sospizi, in vista tal-Avvizi Legali mahruga fid-dawl tal-pandemija Covid-19, taht l-Att dwar is-Sahha Pubblika (Kap 465 tal-Ligijiet ta' Malta).

Dawn l-imputazzjonijiet saru fil-konfront ta' Edward Anthony Schembri. Mill-affidavit ta' WPC 329 jirrizulta, li l-imputat ma kien fl-ebda hin fuq il-post in kwistjoni. Huwa minnu li skont ix-xhieda moghtija, kien hemm zewg haddiema fuq dan il-post, u li kien hemm trakk bl-isem ta' "Schembri Brothers". Huwa minnu wkoll li saret telefonata minn wiehed mill-haddiema, u l-persuna fuq in-naha l-ohra tal-linja identifikat ruhha bhala l-imputat, izda l-fatt jibqa' li f'ghajnejn il-Qorti, dawn l-imputazzjonijiet ma gewx ippruvati li sehhew mill-imputat. Ma ngabitx prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li kien l-imputat li kkommetta dawn l-imputazzjonijiet.

**Decide**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti mhux qed issib htija fl-imputat, u qed tilliberah minn kull kundanna u htija.**

**Magistrat Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**